



# Karattru Balzani - minn Daniel Muscat

## X'inhu l-Karattru?

Kull lokalità hija r-riżultat ta' numru ta' avvenimenti li wasslu għall-formazzjoni tagħha kif narawha llum. Minħabba l-fatt li kull lokalita esperjenzat avvenimenti storiċi differenti, l-iżvilupp arkitettoniku minn raħal għal ieħor huwa differenti. Din id-differenza ħafna drabi hija iktar evidenti fil-parti l-antika ta' kull raħal filwaqt li din id-differenza minn raħal għal ieħor tonqos fil-partijiet fejn hemm żvilupp riċenti. Kull waħda minn dawn l-avvenimenti storiċi tikkontribwixxi sabiex jinħoloq karattru distint fil-post fejn din tkun seħħet.

Il-wirt arkitettoniku huwa parti minn proċess li hu ddeterminat speċifikament miż-żminijiet u l-post li fihom jinsab. Huwa affettwat minn diversi fatturi, l-aktar bil-bidliet li jseħħu fl-iżvilupp. Dawn il-bidliet fl-iżvilupp jistgħu jkunu riżultat ta' diversi fatturi, fosthom, il-moviment tal-popolazzjoni, u l-bidliet fil-valur tal-proprjetà. Il-Wirt huwa modifikat matul iż-żminijiet u jista' jkun kemm imsaħħaħ kif ukoll degratat minn kull ġenerazzjoni. (Avrami, E. C., Mason, R., & De la Torre, M., 2000).

Minħabba li l-karattru tar-raħal huwa ffurmat mill-iżvilupp arkitettoniku, dawn il-fatturi kollha kemm huma għandhom impatt fuqu. Il-karattru huwa dipendenti fuq diversi fatturi. Il-karattru ma jiddependix biss fuq il-bini li jdawwar it-toroq, iżda huwa wkoll l-esperjenza tal-persuna miexja fit-triq u l-mod kif jipperċepixxi l-ispazju ta' madwaru. (Samuels & Clark, 2008). Il-fatturi li l-aktar jaffettwaw il-perċezzjoni tal-ispazju huma t-topografija, l-istorja tal-iżvilupp tal-lokal, l-użu tal-binjiet fil-lokalità, u elementi arkitettoniċi bħat-toroq, monumenti storiċi u l-istili arkitettoniċi tal-bini. Dawn l-elementi kollha jirrakkontaw storja tan-nies li għexu u għadhom jgħixu fil-lokalità. (English Heritage, 2006). Huwa b'dan il-mod li jinħoloq kuntest u għalhekk l-ebda żvilupp ġdid ma jista jiġi ddisinjat daqs li kieku jinsab f'iżolament. Kull deċiżjoni li tittieħed f'kuntest ikollha effett fuq il-karattru tal-madwar, li jista' jkun pożittiv jew negattiv (English Heritage, 2009).

"English Heritage" iddefinixxew numru ta' karatteristiċi li jaffettwaw l-ambjent u l-atmosfera tal-post. Ħafna drabi f'Malta, l-identita' ta' raħal hija marbuta mas-snajja preżenti fil-lokalita'. Fattur importanti ieħor huma l-modi tal-moviment fir-raħal, u l-passaġġi u t-toroq li ffurmaw matul iż-żmien, primarjament huma ffurmati mit-toroq u l-pjazez. Dawn huma l-ispazji li fihom jimxu n-nies u li fihom teżisti l-attività u għalhekk huma l-ispazji minn fejn l-ambjent jiġi esperjenzat biżżejjed sabiex tiġi ffurmata perċezzjoni. Perċezzjoni hija l-istampa li bniedem jikkreja f'moħħu li fiha tgħaqqad l-elementi mportanti tal-belt jew raħal. Dawn l-elementi Lynch jaqsamhom f'ħames kategoriji: "passaġġi, binjiet prominenti, konfini, spazji attivi u distretti". (Lynch, 1960).

Dawn l-ispazji joffru karattru skont il-mod kif ikunu żviluppati. Kull villaġġ isegwi l-forma u l-iskala ta' dawn it-toroq iffurmati b'mod naturali jew iddisinjati mill-bniedem. Dan jiddetermina wkoll il-forma tal-plots mibnijin. Il-mod kif jiżviluppa raħal huwa wkoll affettwat mill-konfini naturali, bħal widien jew għelieqi. Dan jixhed kemm il-kuntest naturali għandu effett kemm fuq l-iżvilupp arkitettoniku kif ukoll fuq il-karattru li jinħoloq fil-lokalita. Dan għaliex il-veduti li jdawru l-lokalita jistgħu jżidu jew inaqqsu l-valur tal-karattru.

Finalment il-karattru huwa ffurmat ukoll mill-iżvilupp urban. Dan minħabba li l-proporzjon bejn l-ispazju pubbliku u l-ispazju privat, l-istil tal-arkitettura magħżula fid-disinn tal-faċċati, u l-iskala ta' kull żvilupp huma wkoll elementi importanti li jiddeterminaw is-sensazzjoni li wieħed iħoss meta jkun miexi f'dawn l-ispazji (English Heritage, 2009). Il-karattru huwa wkoll dipendenti ħafna fuq il-valuri tal-estetika, u huwa f'dan l-aspett fejn jingħaqdu l-elementi kollha diskussi s'issa (Mason, 2002). Huwa għalhekk importanti li żvilupp ġdid iħares lejn dawn l-elementi kollha sabiex ikun jirrispetta l-karattru tal-kuntest.

Għalkemm dawn l-elementi jikkontribwixxu għall-kwalità tal-karattru, dan jista' wkoll ikun materja suġġettiva ħafna u jiddependi minn kull individwu li jżur il-belt jew raħal u li jkun qed jipperċepixxih (Lynch, 1960). Il-karattru huwa xi ħaġa li bniedem jara b'għajnejh meta hu stess jesperjenzaha. F'dan il-każ, l-ewwel ma jolqtu l-għajn huma l-elementi fiżiċi li ġew diskussi qabel. Madanakollu, raħal jista' jiġi esperjenzat ukoll permezz tas-sensi tas-smigħ, bħal per eżempju meta tisma' l-għasafar jgħannu, kif ukoll bis-sens tax-xamm, bħal meta tgħaddi minn ħdejn forn tal-ħobż u xxomm ir-riħa tal-injam jinħaraq.

Meta tgħaqqad dawn l-elementi fiżiċi flimkien mal-perċezzjoni tal-persuni li jgħixu fil-belt jew fir-raħal, tinħoloq sens ta' identità għal dawn ir-residenti (Mason, 1999). Huwa għalhekk li l-karattru jikkontribwixxi sabiex jinħoloq *"sense of place"* u *"sense of belonging"* (English Heritage, 2009). Dan jindika wkoll li l-karattru, għalkemm mhux assolutament, jista' jkun fattur li jgħin biex jinħoloq ukoll sens ta' komunità (Avrami, E. C., Mason, R., & De la Torre, M., 2000).

## X'inhu l-valur tal-Karattru?

Il-valur tal-karattru jista' jinqasam f'diversi kategoriji. Mason isemmi diversi valuri li jista' jkollu l-karattru bħal dak ekonomiku, storiku, edukattiv, spiritwali, politiku, artistiku kif ukoll estetiku. Huwa jsostni li huma dawn l-elementi li fuqhom huwa bbażat il-bżonn tal-konservazzjoni tal-karattru tal-belt jew raħal (Mason, 2002). Apparti dawn il-valuri msemmijin, il-karattru għandu valur ieħor li diffiċli tikkwantifikah. Dan huwa l-valur ta' identità li dan il-karattru jagħti lir-residenti tar-raħal (Mason, 2002). Il-komunita tibni relazzjoni mal-karattru eżistenti, u għalhekk jinħoloq valur sentimentali. Ħafna drabi huwa dan il-valur sentimentali li jqanqal ix-xewqa sabiex il-karattru jiġi mħares. Jista' jkun ukoll li jkun in-nuqqas tal-valur sentimentali li jwassal għall-qerda tal-karattru eżistenti. Iktar minn kull valur ieħor, huwa dan il-valur sentimentali li jagħti tifsira lill-monumenti arkitettoniċi u lill-karattru. Huwa għalhekk importanti li dan il-valur sentimentali jibqa' jiġġedded ma' kull ġenerazzjoni li tinbidel sabiex il-karattru jibqa' jitqies bħala element importanti fl-iżvilupp urban sabiex b'hekk jinħoloq sens ta' identità. (Avrami, E. C., Mason, R., & De la Torre, M., 2000). Din ir-rabta bejn il-karattru u l-komunità toffri diversi benefiċċji, għar-raġuni li jinħoloq valur simboliku. Huwa meta jintilef dan il-valur simboliku li l-karattru jitlef is-sinifikat tiegħu u jkun fil-periklu li jintilef. (Avrami, E. C., Mason, R., & De la Torre, M., 2000). Sakemm din ir-rabta simbolika li tifforma parti mill-identità tar-residenti tibqa' preżenti, jista' jitqies li l-karattru għad għandu valur sinifikanti (Mason, 2002).

Minkejja r-rabta simbolika bejn il-komunità u l-karattru partikolari tal-lokalità, jista' jkun li f'ċerti każi, il-valur ekonomiku jingħata prominenza fuq il-valur sentimentali tal-karattru, u dan jista' jwassal għal żviluppi li ma jirrispettawx l-istorja u l-valuri li ġġib magħha bħall-valur kulturali, soċjali, politiku u estetiku tal-madwar. Dan jista' jkun ukoll riżultat ta' deċiżjonijiet mhux infurmati biżżejjed rigward il-valur tal-karattru tal-kuntest. (Mason, 1999). Huwa essenzjali li l-karattru jiġi mħares sabiex ikompli jikkontribwixxi lejn identita' lokali aktar b'saħħita (MEPA, 2009).

## Il-Karatteristiċi ta' Ħal Balzan fuq Skala Ġenerali

l-istudju tal-karattru ta' Ħal Balzan huwa bbażat fuq sett ta' mapep minn perjodi differenti. L-aktar waħda riċenti hija dik tas-sena 2013 filwaqt li l-aktar waħda antika eżistenti kienet dik tas-sena 1907. Permezz ta' dawn il-mapep ser jiġi spjegat l-iżvilupp urban tar-raħal, u jiġu ddistingwiti modi skont kif evolva r-raħal



*L-iżvilupp ta' Ħal Balzan matul is-snin*

matul iż-żmien. Il-mapep ser jiġu kkumparati ma' avvenimenti storiċi li huma dokumentati fl-istorja ta' Ħal Balzan. Ser jiġu analiżżati wkoll elementi naturali li kienu mportanti fil-formazzjoni tar-raħal kif nafuh illum il-ġurnata. L-analiżi ssir ukoll permezz ta' osservazzjoni diretta u kollezzjoni ta' fotografija madwar it-toroq ta' Ħal Balzan.

Din il-parti tal-istudju tiffoka fuq elementi ġenerali, billi tagħti ħarsa lejn it-topografija, il-konfini naturali u dawk magħmulin mill-bniedem, u l-veduti tal-lokal minn barra għall-ġewwa, minn ġewwa għall-barra u minn ġewwa għall-ġewwa.

## Topografija ta' Ħal Balzan

Ħal Balzan jinsab fiċ-ċentru ta' Malta, mdawwar bl-irħula ta' H'Attard, Ħal Lija u Birkirkara u madwar 6 kilometri 'l bogħod mill-Belt Kapitali Valletta. Jinsab f'livell ta' 40 metru 'l fuq mill-baħar, u huwa mdawwar bl-għoljiet ta' Ħaż-Żebbuġ min-Nofsinhar, mill-għoljiet tar-Rabat u tal-Imdina mill-Punent u fit-Tramuntana mill-għolja tal-Iklin u n-Naxxar. Dawn l-għoljiet joffru kenn lil dawn l-akkwati mir-raxx tal-baħar u mill-kesħa tat-tramuntana, u huwa dan il-fattur li wassal biex f'dawn in-naħat ikun hawn ħamrija fertili li tagħti frott bnin. Kien dan li wassal lin-nies sabiex jabitaw f'dawn l-inħawi, u trasformaw l-art f'ġonna tas-siġar taċ-ċitru, żebbuġ u siġar tal-lewż. Is-siġar taċ-ċitru kienu ntrodotti f'Ħal Balzan fis-seklu 17 u 18. (Dimech, 2004). Kienet din ir-raġuni li attirat lill-Gran Mastru De Paule sabiex jibni l-palazz tiegħu fil-konfini ta' Ħal Balzan fl-1625 .

## Konfini

Ir-raħal ta' Ħal Balzan beda jifforma fis-seklu 15 bl-ewwel rekord ta' djar imur lura għas-sena 1419, fejn skond il-lista tal-Militia kien hawn madwar 20 resident fil-konfini ta' Ħal Balzan (Ħal Balzan Local Council, 2013). Dawn id-djar u l-irziezet tal-bidu kienu allokati f'art fertili li kienet tinsab bejn żewġ widien, wieħed żgħir li jiġi min-naħa tar-Rabat u jinżel minn H'Attard, u ieħor iktar qawwi li jiġi min-naħa tal-Mosta u li jgħaddi minn Ħal Lija. Dawn iż-żewġ widien kienu jingħaqdu f'wieħed fl-aktar parti baxxa tar-raħal u minn hemm jibqa' nieżel lejn Birkirkara (Dimech, 2004). Dan il-wied li jifred lil Ħal Balzan minn Birkirkara kien waħda mir-raġunijiet li dan ir-raħal ingħata t-titlu ta' Parroċċa fis-sena 1655 (Bezzina, 2011). Sas-sena 1907, kif jidher fil-mappa tal-1907 il-maġġoranza tal-bini ta' Ħal Balzan kien għadu jinsab bejn dawn iż-żewġ konfini naturali. L-iżvilupp beda' ħiereġ 'il barra minn dawn il-limiti fiż-żmien ta' wara t-tieni gwerra dinjija (mappa 1957), sakemm inħoloq limitu ieħor, li wasal sal-Akwedott ta' Wignacourt, fejn kienet eżistenti triq li tgħaqqad l-Imdina mal-Belt Valletta (mappa 1968). Sal-lum il-ġurnata, dan il-limitu għadu eżistenti, bi triq traffikuża tifred il-bini mill-għelieqi li jwasslu sal-għolja ta' Ħaż-Żebbuġ. Ma jistax jingħad l-istess għan-naħat tat-Tramuntana u Lvant ta' Ħal Balzan, fejn ingħaqad ħaġa waħda mal-irħula ta' H'Attard, Ħal Lija u Birkirkara, mingħajr wisq distinzjoni bejn raħal u ieħor.

## Veduti tal-Lokalita

Għalkemm l-irħula ta' Ħal Balzan, H'Attard, Ħal Lija u Birkirkara ingħaqdu flimkien u l-konfini tagħhom ma jurux wisq distinzjoni, meta tħares fuqhom mill-bogħod tinnota diversi elementi li jiddistingwu lil raħal minn ieħor. L-elementi primarji li jiddistingwu lil-Ħal Balzan u jagħtuh identità unika huma l-Knisja Parrokkjali li nbniet fis-seklu 17, u s-siġar tal-ġonna ta' San Anton. Element ieħor huwa n-numru ta' siġar tal-Awrikarja li jinsabu fil-ġonna tipiċi ta' dan ir-raħal li jogħlew sew aktar mill-livell tal-bini. Dawn il-veduti huma l-aktar evidenti minn Ħaż-Żebbuġ u minn Naxxar, hekk kif tkun qed tħares 'l isfel.



*Veduta ta' Ħal Balzan minn Ħaż-Żebbuġ*

## Veduti mil-Lokalita'

Minħabba l-fatt li Ħal Balzan jinsab fil-pjanura, ftit huma l-veduti viżibbli minn ġor-raħal għall-barra mill-livell tat-triq. Veduta ta' valur hija dik tal-għolja tan-Naxxar, minħabba li fil-jiem tal-festa jinħaraq il-logħob tan-nar minn dan il-lok. Veduti oħra ta' nteress joħolqu konnessjoni mal-irħula tal-madwar. Fost dawn insibu d-dehriet tal-Knejjes f'Birkirkara minn triq il-Ferrovija l-Qadima, kif ukoll veduti tal-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Lija minn Triq iz-Zekkuk, u n-naħa ta' fuq ta' Triq il-Kbira. Dawn huma veduti importanti għaliex huwa possibli li diversi residenti tal-akkwati jkunu jirrelataw iżjed ma' dawn iċ-ċentri milli maċ-ċentru ta' Ħal Balzan, minħabba distanzi iqsar.



*Veduta tal-knejjes ta' Birkirkara minn Triq il-Ferrovija l-Qadima, Ħal Balzan*

***ikompli f'paġna 52***




## Veduti fil-Lokalità

Kif imsemmi qabel, ftit huma l-binjiet dominanti ġewwa r-raħal ta' Ħal Balzan li jistgħu jitqiesu bħala *"visual landmarks"* (Bentley, 1985). *"Visual landmarks"* huma ta' importanza għaliex iservu bħala punt ta' referenza għall-pubbliku, u dawn jagħtu wkoll sens ta' identità lir-raħal. L-aktar "visual landmark" prominenti f'Ħal Balzan hija l-Knisja Parrokkjali li tinsab fiċ-ċentru tar-raħal.

Il-maġġoranza tat-toroq prinċipali fil-qalba tar-raħal joffru veduta ta' dan il-monument, li joffri sens ta' direzzjoni kif ukoll sens ta' identifikazzjoni għal dawk li jkunu qegħdin jagħmlu użu mit-toroq ta' dan ir-raħal. Din il-veduta tinsab preżenti mhux biss fit-toroq tal-qalba tar-raħal biss, iżda wkoll f'xi lokazzjonijiet tal-parti moderna tar-raħal. Din il-vista hija ta' importanza għar-raġuni li toħloq link viżiv mal-qalba tar-raħal. Fil-każ ta' Ħal Balzan il-qalba tar-raħal għadu l-post fejn l-attività tinġabar. Madwar il-pjazza, apparti l-funzjoni reliġjuża tal-Knisja Parrokkjali, wieħed isib ukoll diversi għaqdiet bħal każini tal-banda, każini politiċi kif ukoll każin tal-futbol. Huwa wkoll iċ-ċentru kummerċjali primarju f'Ħal Balzan, li jinkorpora numru ta' *"bars u restaurants"*, u ħwienet tal-merċa. Minħabba dawn il-fatturi, iċ-ċentru jattira numru ta' nies fil-ħinijiet kollha tal-ġurnata u b'hekk jiggarantixxi attività matul il-ħinijiet kollha. Apparti li tgħin sabiex bniedem jorjenta ruħu fir-raħal, il-knisja hija wkoll il-bini li primarjament jiddistingwi lil Ħal Balzan minn irħula oħra u tista' tgħid li hija element importanti ħafna fil-karattru tar-raħal li affettwat l-iżvilupp urban li ġie warajha. Hija wkoll l-aktar bini li tagħti sens ta' identità lin-nies li għandhom konnessjoni mar-raħal ta' Ħal Balzan.

Binjiet storiċi oħra li huma parti ntegrali mill-karattru arkitettoniku tar-raħal huma diversi knejjes oħra li hawn imferrxin fit-toroq tal-parti l-antika tar-raħal. Dawn ukoll jikkontribwixxu għall-identità unika ta' Ħal Balzan.



Fost dawn hemm it-Tliet Knejjes li jinsabu fit-triq li ħadet dan l-isem, il-Knisja ta' Santa Marija li tinsab fi Triq il-Kbira, diversi palazzi u niċeċ imferrxin fil-qalba tar-raħal. Ta' min jinnota li dawn it-tip ta' *"landmarks"* huma preżenti fil-qalba l-antika tar-raħal, filwaqt li hemm nuqqas ta' *"landmarks"* viżivi fil-parti mibnija wara s-snin 50. Dan ma jfissirx iżda li din iż-żona l-ġdida hija nieqsa mill-karattru, iżda jfisser li żoni li ġew żviluppati wara s-snin 50 għandhom karattru differenti.



*In-niċċa tal-Madonna tal-Providenza fi Triq il-Kbira*

Minn din l-analiżi ġenerali, wieħed jista' jinnota l-fatturi storiċi primarji li kkontribwixxew sabiex ġie ffurmat il-karattru li naraw illum f'Ħal Balzan. Huwa ċar li storikament, Ħal Balzan kien attrazzjoni minħabba l-art fertili tiegħu, u kienu l-ġonna tal-frott bnin li sawru l-oriġini ta' dan ir-raħal. Il-ġonna privati kif ukoll pubbliċi huma karatterstika taż-żona magħrufa bħala t-Tlitt Irħula, ffurmata minn Ħal Balzan, H'Attard u Ħal Lija, u dawn għadhom preżenti sal-ġurnata tal-lum. Marbut ma' dan il-fatt ukoll huwa n-numru ta' palazzi mibnijin ġewwa ż-żona tat-Tlitt Irħula, li jagħtu identità lill-karattru ta' dawn l-inħawi. Għalkemm illum il-ġurnata, ir-raħal huwa kollu żviluppat, u hija ftit l-art agrikola li għadha preżenti sal-lum, in-numru tal-ġonna fid-djar privati huwa kbir. Għalkemm għad fadal diversi ġonna mferrxin mar-raħal, huwa ċar li l-iżvilupp li qed isir illum il-ġurnata qiegħed inaqqas drastikament mill-"area" ta' dawn il-ġonna.

Fuq bażi iktar individwali, ir-raħal ta' Ħal Balzan huwa indentifikabbli min-numru ta' fatturi oħra li għandhom impatt fuq il-karattru. Il-formazzjoni tal-parti l-antika tar-raħal b'toroq dojoq u mserrpin, imdawrin b'arkitettura vernakulari kif ukoll b'monumenti bħal palazzi u knejjes, jagħtu identita unika u minnom faċilment jiġi identifikat dan ir-raħal minn irħula oħra. Fil-parti ta' Ħal Balzan li ġiet żviluppata wara s-snin 50, għalkemm jeżisti nuqqas ta' binjiet prominenti, huwa evidenti li ż-żona hija waħda popolari għall-vilel li huma mdawrin bil-ġonna. Għalkemm din il-bidla fit-tipoloġija tal-arkitettura residenzjali toħloq karattru differenti minn dak tal-qalba tar-raħal, dan xorta waħda jikkontribwixxi sabiex jinħoloq karattru ta' kwalita fil-lokalita' ta' Ħal Balzan. Żoni li huma anqas identifikabbli huma ż-żoni fejn Ħal Balzan jingħaqad ma' Ħal Lija. Hawnhekk, m'hawn l-ebda tarf ċar li jindika fejn jispiċċa raħal u jibda ieħor. Dawn iż-żoni ġew żviluppati fiż-żmien ta' wara s-snin 70.

## Karattru ta' Ħal Balzan fuq Skala Dettaljata

L-ewwel żvilupp f'Ħal Balzan beda jseħħ fejn illum insibu l-qalba tar-raħal, fiż-żoni li llum huma magħrufa bħala Triq il-Kbira, Triq it-Tliett Knejjes u Triq Santa Marija. Kif diġa' kien spjegat qabel, dawn minn dejjem kienu toroq prinċipali tar-raħal. Fil-passat, nies minn irħula oħra kienu jsejħu lil Ħal Balzan bħala r-raħal ta' musrana waħda minħabba li kien iffurmat minn triq waħda li tgħaqqad lil Birkirkara ma' Ħal Lija (Zammit Marmara, 2013, p. 28). Din il-parti tar-raħal hija ffurmata madwar toroq dojoq imserrpin u sqaqien, u f'din iż-żona wieħed jinnotana numru ta' binjiet prominenti li jagħtu identita' lir-raħal. Filfatt dawn it-toroq żviluppaw madwar binjiet reliġjużi li minn dejjem kienu jattiraw lin-nies fihom matul il-ġurnata minħabba l-attività kontinwa li sseħħ ġo fihom. B'riżultat ta' dan, l-avveniment kulturali prinċipali tar-raħal jittellgħu kollha f'dan iċ-ċentru. Dan iwassal għal garanzija ta' attività kontinwa fil-qalba tar-raħal. Dan wassal biex jattira numru ta' entitajiet oħra sabiex jibbażaw ruħhom f'din iż-żona, bħal-każini, ristoranti u servizzi. Dan

iċ-ċentru ta' Ħal Balzan jinsab biswit il-Knisja Parrokkjali fi Pjazza Bertu Fenech. L-attivita' prinċipali li sseħħ madwar dan iċ-ċentru hija l-festa titulari reliġjuża tal-Lunzjata. Apparti mill-festa, f'din iż-żona jseħħu diversi attivitajiet organizzati mill-Parroċċa, bħal purċissjonijiet, kif ukoll attivitajiet organizzati mill-Każini tal-Banda kif ukoll mill-Kunsill Lokali. B'hekk il-pjazza hija l-ispazju li fih l-aktar li hemm attivita' u hija ċ-ċentru tal-ħajja komunitarja. Flimkien mal-arkitettura, din l-attività hija parti ntegrali mill-identita' tar-raħal.

F'dawn it-toroq, wieħed isib ukoll diversi servizzi bħal ħwienet tal-merċa, tal-laħam u tal-ħobż fost l-oħrajn. Kif issemma' qabel, il-karattru m'huwiex iffurmat biss b'dak li tara, imma wkoll b'dak li tesperjenza, fosthom l-irwejjaħ ifuħu tal-ħobż isir. Dawn it-tip ta' stabbilimenti jkomplu jżidu l-attività u l-interazzjoni tan-nies f'dawn it-toroq matul il-jum. Tip ieħor ta' stabbilimenti huma dawk ta' divertiment bħal bars u ristoranti li jattiraw lin-nies fil-ħinijiet ta' filgħaxija. F'dawn l-aħħar snin, dawn l-istabbilimenti saru popolari ferm u żiedu l-influss tan-nies fil-qalba ta' Ħal Balzan. Huwa f'dawn il-postijiet li n-nies jiltaqgħu u jiddevertu u b'hekk huma postijiet ta' importanza. Is-suċċess ta' dawn l-istabbilimenti jwassal għall-manteniment tal-binjiet storiċi li huma jokkupaw. Dawn huma wkoll importanti għaliex jattiraw nies minbarra r-raħal, li permezz tagħhom ikollhom iċ-ċans japprezzaw il-karattru tar-raħal ta' Ħal Balzan.



*Triq il-Providenza*

Karatteristiċi arkitettoniċi f'din iż-żona huma diversi li jvarjaw minn irziezet sa palazzi kif ukoll binjiet li nbnew wara t-tieni gwerra dinjija. Iżda minkejja dan kollu, l-aktar elementi evidenti huma l-gallariji tradizzjonali tal-injam u twieqi bil-purtelli. Dawn joffru skema ta' kuluri vibranti lit-toroq ta' Ħal Balzan u karattru rikk lill-qalba tar-raħal.

Hekk kif wieħed jimraħ aktar il-barra mill-qalba, f'żoni li nbnew wara s-snin 50 tas-seklu li għadda, wieħed jinnota li l-karatteristiċi tal-arkitettura u l-forom tat-toroq tieħu dimensjoni differenti. Dawn it-toroq isegwu linji dritti u r-ritmu tal-faċċati ħafna drabi jkun iktar unit. Eżempju ċar ta' dan huma Triq il-Papa Alessandru VII, Triq Sisner, Triq San Valentin u Triq Birbal. Aktar il-quddiem dan l-iżvilupp baqa' jestendi lejn Triq l-Imdina.



*"Bay Windows" fi Triq San Valentinu*

Apparti l-bidla fl-allinjament tat-triq, f'dawn iż-żoni daħlu diversi karatteristiċi ġodda fosthom il-ġardina quddiem id-dar. L-istil arkitettoniku wkoll inbidel, fejn minflok il-gallarija tradizzjonali Maltija, daħlet il-*"bay window"* fuq stil Ingliż. Aktar lejn il-parti l-ġdida naraw bidla wkoll fit-tipoloġija ta' djar fejn bdew jinbnew vilel b'aktar spazji miftuħin madwarhom.



*Vilel fi Triq l-Imdina*

L-aħħar parti ta' Ħal Balzan li ġiet żviluppata kienet dik l-aktar viċin ta' Ħal Lija, minn Triq Sir Antonio Micallef, sa Triq l-Għerusija. F'din iż-żona ninnotaw toroq aktar wiesa' iżda hemm tnaqqis sostanzjali ta' ġardini quddiem id-djar. Minflok il-ġardini wieħed jinnota l-introduzzjoni tal-bibien tal-"garages" filwaqt li ġie ntrodott is-"semi-basement" u t-taraġ li jagħti għall-entratura prinċipali.



*Triq Balaguer*

Preżentament f'Ħal Balzan ftit fadal żoni li huma art verġni, u għalhekk l-iżvilupp modern qed jieħu post djar antiki. Filwaqt li l-qalba ta' Ħal Balzan hija protetta u b'hekk l-iżvilupp li jista' jsir huwa limitat, fiż-żoni l-oħra, jiġi nnutat li diversi djar qegħdin jitwaqqgħu u minflokhom jiġu mibnijia blokok tal-appartamenti, li ħafna drabi ftit ikunu jikkumplimentaw dak il-karattru diġà eżistenti fiż-żona.



*Żvilupp ġdid fi Triq l-Gherusija li jikkuntrasta mal-karattru eżistenti taż-żona*

## Konklużjoni

Għalkemm Ħal Balzan jista' jinqasam fi tliet żoni li għandhom karattru differenti minn xulxin, hemm numru ta' karatteristiċi li huma evidenti f'kull żona. Il-binjiet monumentali li jagħtu identita' lir-raħal u jagħmluh differenti minn irħula oħra huma kollha bbażati fil-qalba l-antika tar-raħal u jikkonsistu prinċiparjament f'binjiet reliġjużi, bħal Knisja Parrokkjali. Karatteristika komuni għar-raħal kollu hija l-ammont ta' ġonna preżenti. Fil-qalba tar-raħal, għalkemm il-ġonna m'humiex viżibbli mit-triq, huma ta' importanza ambjentali kbira. Fil-partijiet il-ġodda ta' Ħal Balzan, il-ġonna jistgħu jitgawdew ukoll mit-triq permezz tal-parapetti. Din hija karatteristika li Ħal Balzan huwa magħruf għaliha, li wkoll hija msemmija fil-motto tar-raħal "Hortibus Undique Septa" (Imdawwar bil-Ġonna). Huwa ta' importanza kbira li napprezzaw dawn il-karatteristiċi li jiddistingwu lir-raħal tagħna minn irħula oħra, u huwa aktar importanti li nirrispettaw dawn il-karatteristiċi fl-iżvilupp il-ġdid fir-raħal ta' Ħal Balzan. Huma dawn il-karatteristiċi li jagħtu identita' lill-Balzanin.

*Bibliography*


Avrami, E. C., Mason, R., & De la Torre, M., 2000. *Values and heritage conservation: Research report,* Los Angeles: The Getty Conservation Institute.

Bentley, I., 1985. *Responsive environments: A manual for designers.* s.l.:Routledge.

Bentley, I., 1985. *Responsive environments: A manual for designers.* s.l.:Routledge..

Bezzina, C., 2011. *Ħal Balzan u l-Lunzjata u kitbiet oħra.* Ħal Tarxien: Gutenberg Press.

Bianchi, P., 2011. *Evocations of Lija's Built Heritage.* s.l.:University of Malta.

Caruana, O., 2008. *Urban Design Codes: a tool in place-making.* s.l.:University of Malta.

Debono, J., 2012. *Malta Today.* [Mqabbad]

Available at: http://www.maltatoday.com.mt/news/national/18517/chronicles-of-a-building-boom-gone-bust-20120528#.U2OHtfmSySo

[Aċċessat 02 May 2014].

Dimech, Ġ., 2004. *Ħal Balzan: Ġrajjietu sa l-1999.* Ħal Balzan: Kunsill Lokali.

Duchy of Cornwall, 2006. *Poundbury.* [Mqabbad]

Available at: http://www.duchyofcornwall.org/designanddevelopment_poundbury.htm

[Aċċessat 16 January 2013].

E. H., 2005. *The Heritage Dividend methodology: measuring the impact of heritage projects,* London: English Heritage..

E. H., 2006. *Guidance on conservation area appraisals,* s.l.: English Heritage.

E. H., 2009. *Capitalising on the Inherited Landscape,* s.l.: English Heritage; Homes & Communities Agency.

E. H., 2010. *Understanding Place: Historic Area Assessments in a Planning and Development Context,* s.l.: English Heritage.

E. P. & H. C., 2000. *Urban Design Compendium.* 1 ed. s.l.:Llewlyn-Davies.

Ħal Balzan Local Council, 2013. *History of Balzan.* [Mqabbad]

Available at: http://halbalzanlocalcouncil.com/history-of-balzan

[Aċċessat 17 March 2014].

Kamra tal-Periti, 2009. *Modernist Malta - The Legacy of the Modern Movement in Maltese 20th Century Archtiecture.* [Mqabbad]

Available at: http://www.ktpmalta.com/events/events2009Docs/modernistMalta.pdf

[Aċċessat 06 May 2014].

Kropf, K. S., 1996. *An alternative approach to zoning in France: typology, historical character and development control.,* s.l.: European planning studies.

Lynch, K., 1960. *The Image of the City.* s.l.: Joint Centre for Urban Studies.

Mason, R., 1999. *Economics and heritage conservation,* Los Angeles: The Getty Conservation Institute.

Mason, R., 2002. *Assessing values in conservation planning: methodological issues and choices.*, s.l.: s.n.

McGlynn, S. & Samuels, I., 2000. *The funnel, the sieve and the template: towards an operational urban morphology. Urban Morphology,* s.l.: s.n.

MEPA, 2009. *Urban Conservation Area Street Categorization: South Malta Local Plan,* Marsaxlokk Bay Local Plan, Central Malta Local Plan & North West Local Plan, s.l.: s.n.

Samuels, I. & Clark, J., 2008. *Character and Identity, Townscape and heritage appraisals in housing market renewal areas,* s.l.: English Heritage and the Commission for Architecture and the Built Environment.

Trip Advisor, 2013. *Trip Advisor.* [Mqabbad]

Available at: http://www.tripadvisor.co.uk/LocationPhotoDirectLink-g227897-d2503514-i84510942-Melita_Gardens-Balzan_Island_of_Malta.html

[Aċċessat 03 May 2014].

Zammit Marmara, D., 2013. *Ħal Balzan kif nafu jien.* Ħal Balzan: Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan.